L-AKKADEMJA TAL-MALTI
info@akkademjatalmalti.com | www.akkademjatalmalti.com

# Il-Forum Mare Nostrum, il-Ħamis, 11 ta' April 2013

IL-LETTERATURA U R-RIVOLUZZJONI FIL-FORUM MARE NOSTRUM
Il-Ħamis, 11 ta' April 2013
Fil-Grand Hotel Excelsior, il-Furjana, 8.30am-3.30pm

Awturi magħrufa, akkademiċi u operaturi kulturali mill-Ewropa u l-Mediterran se jkunu fostna għall-Forum Mare Nostrum li jiġi organizzat kull sentejn mill-European Writers' Council (EWC). Il-Forum se jsir fil-Grand Hotel Excelsior nhar il-Ħamis, 11 ta' April 2013 u qed jitħejja mill-Akkademja tal-Malti li tirrappreżenta lil Malta fl-EWC.

Is-VII edizzjoni tal-Forum hija miftuħa għall-pubbliku ġenerali u tibda fit-8.30am u tagħlaq fit-3.30pm.

It-tema magħżula għal dan il-Forum hi "Discourse/Disorder" – ir-rakkonti ta' ġrajjiet rivoluzzjonarji u taqlib soċjali fil-Mediterran u l-Ewropa. Parti importanti minn dan il-Forum se tkun sessjoni li fiha r-rumanziera magħrufa Eġizzjani-Ingliża Ahdaf Soueif se taqra mill-ktieb *Cairo: my City, our Revolution* u wara jkun hemm diskussjoni mal-udjenza.

Fost il-kelliema u preżentaturi oħra magħrufa nsibu lil Kenza Sefrioui (Franza-Marokk), Adel Bishtawi (Palestina-Ingilterra), Karsten Xuereb (Malta), Simone Inguanez (Malta), Clare Vassallo (Malta), Cécile Oumhani (Franza), Walid Nabhan (Malta), Albert Gatt (Malta), Marco Galea (Malta), Stephanos Stephanides (Ċipru), Haim Bresheeth (Ingilterra), Yosefa Loshitzky (Ingilterra) u r-rumanziera Suzanne Joinson (Ingilterra).

Waqt ieħor importanti ta' dan il-Forum se jkun il-wiri ta' siltiet mid-dokumentarju *London is Burning* mill-Prof. Haim Bresheeth, li jgħallem fl-iskola magħrufa tal-Istudji Orjentali u Afrikani fl-Università ta' Londra (SOAS). Prof. Yosefa Loshitzky, li wkoll tgħallem fl-iSOAS, se titħaddet dwar "Popular Cinema as Popular Resistance: Avatar in the Palestinian (Imagi)nation".

Dr Marco Galea jiftaħ l-ewwel sessjoni plenarja tal-Forum bit-tema "Discourse/Disorder" u l-Prof. Stephanos Stephanides, poeta u akkademiku tal-Università Ċiprijotta, jitkellem dwar "The Disorder of Discourse". Warajh titkellem ir-rumanziera u operatur kulturali Suzanne Joinson dwar "The Medina and the Architecture of Light: bridging the stories of East and West, a writer's perspective."

Fil-11.45am ikun hemm diskussjoni minn *panel* dwar "Translation Disorder" immexxija minn Dr Clare Vassallo li fiha se jieħdu sehem il-kittieb Ingliż-Palestinjan Adel Bishtawi, il-lingwista u traduttur letterarju Dr Albert Gatt, u l-kittieb Malti-Palestinjan Walid Nabhan. It-tieni *panel* jibda fis-2.30pm u se jiddiskuti t-tema "Righting the Mediterranean". Dan se jitmexxa minn Dr Simone Inguanez u fih se jieħdu sehem Dr Karsten Xuereb, espert dwar ir-relazzjonijiet kulturali bejn l-Ewropa u l-Mediterran, il-poeta u rumanziera Franċiża,il-Prof. Cécile Oumhani, u l-operatur kulturali Franċiża-Marokkina Kenza Sefrioui.

Fis-7.00pm wara l-Forum se jkun hemm laqgħa pubblika ma' Ahdaf Soueif li fiha se tkun intervistata mill-Prof. Stella Borg Barthet dwar l-attivitajiet u x-xogħlijiet letterarji tagħha. Din l-attività se ssir fil-Valletta Campus, l-Aula Magna (l-Università l-Qadima) li tinsab fi Triq San Pawl, il-Belt. L-attività qed issir taħt il-patroċinju tal-Akkademja tal-Malti u d-Dipartiment tal-Malti tal-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta u hi miftuħa wkoll għall-pubbliku.

Il-Forum Mare Nostrum tal-European Writers' Council qed jiltaqa' hawn Malta bis-saħħa tal-Akkademja tal-Malti u bil-għajnuna tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, l-EWC, l-Ambaxxata Franċiża ta' Malta, ir-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, il-British Council, Bloomsbury, Marsovin u l-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Ġwann.

Dawk l-istudenti universitarji, akkademiċi, kittieba u membri mill-pubbliku ġenerali li jixtiequ jattendu l-forum għandhom jiktbu lis-Sur Carmel Azzopardi, il-President tal-Akkademja tal-Malti f'dan l-indirizz elettroniku: caraz546@hotmail.com.

Il-ħlas tar-reġistrazzjoni għall-forum (€30) jinkludi l-kafè u l-ikla ta' nofsinhar.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn:
http://www.facebook.com/events/167767623376227/

Ahdaf Soueif evening reading and interview here:
http://www.facebook.com/events/155207001308870/

L-AKKADEMJA TAL-MALTI

info@akkademjatalmalti.com | www.akkademjatalmalti.com

# Forum Mare Nostrum, Thursday 11th April 2013:

LITERATURE AND REVOLUTION AT FORUM MARE NOSTRUM
Thursday 11th April 2013
Grand Hotel Excelsior, Floriana, 8.30am-3.30pm

Well-known writers, academics and cultural operators from Europe and the Mediterranean will be meeting in Malta on Thursday 11th April 2013 at the Grand Hotel Excelsior for the biennial Forum Mare Nostrum organised by the European Writers' Council and hosted this year by the Akkademja tal-Malti (the Maltese Language Academy) which represents Malta in the EWC.

This VIIth edition of the Forum, which is open to the general public, starts at 8.30am and runs till 3.30pm.

The theme of the Malta meeting is "Discourse/Disorder," telling stories of revolution and social upheaval in the Mediterranean and Europe. One of the highlights of the Forum will be a public reading by the acclaimed Egyptian-British novelist Ahdaf Soueif from her latest book, Cairo: my City, our Revolution.

The high profile list of speakers and panelists also includes Kenza Sefrioui (France-Morocco), Adel Bishtawi (Palestine-UK), Karsten Xuereb (Malta), Simone Inguanez (Malta). Clare Vassallo (Malta), Cécile Oumhani (France), Walid Nabhan (Malta), Albert Gatt (Malta), Marco Galea (Malta), Stephanos Stephanides (Cyprus), Haim Bresheeth (UK), Yosefa Loshitzky (UK), and the novelist and cultural operator, Suzanne Joinson (UK).

Another highlight will be the presentation of parts of the documentary film, London is Burning, by Prof. Haim Bresheeth, who teaches at SOAS, the renowned School of Oriental and African Studies of the University of London. Prof. Yosefa Loshitzky, who also teaches at SOAS, will talk about

"Popular Cinema as Popular Resistance: Avatar in the Palestinian (Imagi)nation."

Dr Marco Galea will give the first plenary talk of the forum, introducing the theme “Discourse/Disorder,” while the poet and academic from the University of Cyprus Prof. Stephanos Stephanides, will speak about “The Disorder of Discourse.” He will be followed by the novelist and cultural operator Suzanne Joinson who will speak about “The Medina and the Architecture of Light: bridging the stories of East and West, a writer's perspective.”

A panel discussion at 11.45am, about “Translation Disorder,” chaired by Dr Clare Vassallo, will feature UK-Palestinian writer Adel Bishtawi, linguist and literary translator Dr Albert Gatt, and Maltese-Palestinian novelist Walid Nabhan. A second panel discussion, starting at 2.30pm and chaired by Dr Simone Inguanez, will deal with “Righting the Mediterranean.” The panelists are Dr Karsten Xuereb, an expert on cultural relations between Europe and the Mediterranean, French poet and novelist Prof. Cécile Oumhani, and French-Moroccan cultural operator Kenza Sefrioui.

After the forum, there will be a public encounter with Ahdaf Soueif at 7.00pm in which she will be interviewed by Prof. Stella Borg Barthet about her literary works and activism. This event is being held at the Aula Magna of the Valletta Campus of the University in St Paul’s Street. This event is being hosted by the Akkademja tal-Malti in collaboration with the Department of Maltese in the Faculty of Arts at the University of Malta and is also open to the general public.

The Forum Mare Nostrum of the European Writers’ Council is being convened by the Akkademja tal-Malti and supported by the Maltese Ministry of Finance, Malta Tourism Authority, European Writers' Council, Authors Licensing and Collecting Society, French Embassy in Malta, European Commission Representation in Malta, British Council, Bloomsbury, Marsovin, and St John Co-Cathedral Foundation.

University students, academics, writers, and members of the general public who would like to attend are to contact Carmel Azzopardi at caraz546@hotmail.com.

http://www.facebook.com/events/167767623376227/

Ahdaf Soueif evening reading and interview here:
http://www.facebook.com/events/155207001308870/